BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

22 ta' Jannar, 2009

**Minuti tal-laqgha numru 23(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' għal-laqgha numru 23(05), fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar, 2009 fi 6:00 ta' filgħaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Viċi Sindku u s-Sinjura Miriam Grech. Is-Sur Ivan Peresso kien skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha filwaqt li l-Kunsilliera Judith Saliba kienet skuzat minhabba impenn personali.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu għal-laqgħa.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-laqgħa 22(05) ittieħdu bħala moqrija.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.1 Item 1.4 (22/05), dwar il-progett Qualicities. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva is-somma ta' € 13,516.04 bhala parti mill-ispejjez involuti mil-progett Qualicites. Izda is-Sindku qal li dak l-ammont ircevut ma kienx l-ammont mwieghed u approvat ghal dan il-progett, jigifieri dak ta' € 16,500, f'dan ir-rigward, is-Sindku qal li lanqas il-Kunsill Lokali ta' l-Isla, li bhal l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien involut bhala osservatur f'dan il-progett, ma rcevux l-ammont mwieghed f'dan il-progett. Hawnhekk is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lil Benoit Stievenart, ko-ordinatur tal-progett Qualicities u l-persuna responsabli mil-finanzi ta' tieghu dwar il-pre-okkupazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu li ma rcevihx l-ammont mwieghed, liema ittra l-Kunsill ghadu minghajr risposta. Wara diskussjoni, is-Sindku, s-sur John Boxall, issugerixxa li jekk il-Kunsill jibqa' minghajr risposta min-naha tas-sur Stieventrt, tintbaghat ittra ohra fejn nfakkruh fuq l-email precedenti u jekk il-Kunsill ser jibqa' minghajr risposta, l-Kunsill ma jkollux triq ohra hlief li jitolb l-ghajnuna tal-Planning Priorities Division (PPCD) fi hdan l-ufficju tal-Prim Ministru. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Dwar item 1.8(22/05), is-Sindku qal li ghalkemm sal-llum il-Kunsill ghadu minghajr risposta dwar l-ittra mibghuta lil Ministru Tonio Fenech rigward il-progett ta' Triq San Lawrenz, il-Kunsill kien nfurmat li permezz ta' dik l-ittra kienu ccaqalqu ftit ta' l-affarijiet min-naha tad-Dipartiment tal-Kuntratti u l-Awtorita tat-Trasport. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li min-naha tieghu l-Kunsill bghat email lil Perit David Vassallo dwar il-pro-okkupazzjoni ta' l-istess Kunsill. Is-Sindku zied jghid li l-file dwar din it-triq issa qieghed l-Awtorita tat-Trasport liema Awtorita trid min-naha taghha tibghat xi klarifikazzjoni lid-dipartiment tal-kuntratti sabiex dan ix-xoghol jinbeda.

1.3 Item 1.9(22/05), is-sur John Boxall, Sindku qal li l-permessi specjali l-godda bil-kulur orangjo ghal l-iskema tal-parkegg bdew jigu mqassma, liema permess u il-pockets ntogob u s'issa l-Kunsill ircieva diversi kummenti pozittivi.

1.4 Dwar item 1.10(22/05), is-Sindku s-sur John Boxall irringrazzja lil Onorevoli Dr. Francis Zammit Dimech talli stieden lil Kunsill tal-Birgu sabiex jippartecipa ghal konferenza li saret f'Gela, fl-Italja bejn il-11 u l-14 ta' Dicembru, 2008 dwar il-kosta tal-bahar mediterran. Hawnhekk , is-Sindku stqar li l-Kunsill ta' Gela stieden ukoll lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jippartecipa f'dan il-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea. Hawnhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jirrispondi billi juri l-interess tieghu li jippartecipa sakemm dan il-progett ma jinvolvix hrug ta' flus. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 1.11(22/05), is-Sindku qal li c-CCtv camera kienet nxtrat min sid il-hanut D Centre u l-Kunsill qed jistenna li din titwahhal.

1.6 Dwar item 1.13(22/05), is-Sindku qal li sal-llum il-librerija taht is-supervizzjoni tas-sur Joseph Gauci, haddiem assenjat mil-kumpanija IPSL, miexja f'direzzjoni tajba. Is-sur Gauci huwa bniedem responsabli hafna u qieghed juri diversi inizjattivi. Is-Sindku zied jghid li min nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar, 2009, is-sur Joseph Gauci ser ikollhu persuna tghinu mibghuta mil-ETC taht l-iskema JES.

1.7 Item 2.5(22/05) is-sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-ittra lil President tas-Socjeta Muzikali San Lawrenz ma kinitx inkitbet izda huwa verbalment kien kellem lis-sur Lawrence V. Farrugia, dwar l-attitudni fil-kitba tas-sur Pawlu Micallef il-fuljett ta' din is-socjeta.

1.8 Dwar item 6(22/05), is-Sindku zied jghid li l-ispazju ta' rikreazzjoni ghan-nies fuq il-Belvedere fi Triq La Vallette ser jibqa' hemm mhux bis ghan-nies ta' l-inhawi imma ghal kulhadd.

1.9 Item 9.1(22/05), il-Kunsilliera Miriam Grech nfurmat lil Kunsill li z-zghazagh tas-Sezzjoni Zghazagh Palmizi jinsabu diappuntanti li filwaqt li l-Kunsill gie mistieden sabiex itella' zewg programmi fuq l-istazzjoni tar-Radju mtella' min din is-socjeta, il-

Kunsill attenda biss ghal program wiehed u kien hemm prezenti zewg kunsilliera biss. Is-Sindku ikkumenta li huwa kien avza li ser jkun indispost ghal dawn iz-zewgt programmi u kulhadd kien avzat. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex tintalab biex issir laqgha ma delegazzjoni tal-kumitat ta' din is-socjeta jew ma' dawk li jmexxu dan l-istazzjoni, sabiex jigu kkjarifikati certu affarijiet u anke tigi ffurmata tip ta' agenda ghal programmi fuq ir-radju.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsill diversi korrispondenza mibghuta mid-Diretturi tal-Kumpanija Nexos Street Lighting, is-sur Silvio Scerri u s-sur Joe Borg. Is-Sindku zied jghid li l-atmosfera mhi xejn pjacevoli u l-attitudni ta' dawn id-diretturi mhi xejn accetabli. Ghaldaqstant din il-korrispondenza giet mibghuta lid-Direttur tad – Dipartiment tal-Gvern Lokali Dr. Natalino Attard u lil Avukat tal-Kunsill Dr. Neville Camilleri. Is-Sindku qal li din it-tilwima bdiet mil-fatt li waqt l-attivita tal-BirguFest, ma gietx accetata l-offerta ta' din il-kumpanija peress li din kienet ferm ghola mil-offerti l-ohra. Is-Sindku zied jghid li min informazzjoni li kellhu din l-attitudni qed tittiehed mal-Kunsill Lokali tal-Birgu biss min fost l-14 il-Kunsill li jaghmlu parti mis-Southern Harbour District Committee. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qed jistenna risposta fuq kif ghandu jaggixxi mid-Direttur tad- Dipartiment tal-Gvern Lokali u mil-avukat tal-Kunsill sabiex naraw jekk hemmx kaz ta' libel. Barra min hekk, is-sur John Boxall, Sindku bhala charmain ta' dan il-kumitat sejah laqgha b'urgenza. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex din il-kwistjoni jerga' jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss wara li jinghata l-parrir mill-avukat tal-Kunsill, imbaghad tittiehed id-decizjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Email mibghuta lis-sinjorina Pauline Basile Pace, segretarja fil-Malta Football Association, dwar it-talba tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jsir "mini-pitch" fil-Birgu, liema talba ntbghatet permezz ta' ittra ddatata 30 ta' Ottubru, 2008 u indirizzata lil President ta' din l-assocjazzjoni Dr. Joseph Mifsud u li sal-llum il-Kunsill kien ghadu

minghajr risposta. Il-Kunsill talab sabiex ikollhu risposta biex b'hekk jkun jista' jdahhal dan il-progett fil-budget u l-pjan ta' xoghlijiet tal-Kunsill ghas-sena 2009/2010. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Ittra mibghuta mil-Perit John B. Farrugia ghan-nom tar-residenti fi Triq il-Kunvent dwar periklu ghas-sahha u ghal propjeta minn traffiku fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li fis-sena 2005, is-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto, direttrici fi hdan l-Awtorita Dwar it-trasport kienet tablet sabiex issir bankina fl-imsemmija triq, liema bankina ma setghatx issir ghax tghalaq l-ventilaturi ta' resident minnhom. Is-Sindku stqar li r-residenti ta' din it-triq jixtiequ li t-triq tinghalaq. Is-Sindku zied jghid li huwa kellhu laqgha ma' dawn ir-residenti u kien stqar li l-Kunsill kien ser jghinhom mil-ahjar li jista' u anke offra sabiex il-Kunsill jibghat il-Perit tal-Kunsill sabiex issir spezzjoni tat-triq u anke tal-hsara li qed issir fir-residenza taghhom u jsir rapport. Izda dawn ir-residenti, ma stennewx u qabdu perit iehor min-naha taghhom. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex kif jasal ir-rapport min-naha tal-Perit tal-Kunsill jintbaghat flimkien mar-rapport tal-Perit John B. Farrugia mqabbad mir-residenti, lil Awtorita dwar it-Trasport sabiex din l-Awtorita taghti l-parir taghha dwar x'ghandu jsir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku pprezenta zewg kwotazzjonijiet ghal 4000 booklet tad-daqs A5, full colour u b'sittin pagna. Ghaldaqstant, il-Prezz kkwotat mil-Kumpanija Veritas Press kien ta' € 2961 jekk *stapled* u € 4179 jekk il-*booklet* jkun *perfect bound,* filwaqt li l-kumpanija Scancraft kkwotat il-prezz ta' € 2835 jekk *stapled.* Wara diskussjoni, l-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar ssugerixxa sabiex minflok jsiru 4000 *booklet* jsiru 2000 u 2000 mappa biss. Is-Sindku s-sur John Boxall ssekonda. Bi qbil unanimu l-Kunsilliera prezenti taw l-fakulta lis-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva sabiex wara li l-Kunsill jircievi aktar kwotazjonijiet, tintghazel l-irhas offerta.

2.5 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li llum 21 ta' Jannar, 2009, saret laqgha mis-Segretarju Parlamentari Dr. Mario DeMarco fejn gew mistiedna s-Sindki u s-Segretarji Ezekuttivi tal-Kottonera nkluz l-Kalkara sabiex flimkien jitella' Kottonera Festival, liema

festival huwa ssuggerit li jsir bejn it-23 u t-28 ta' Gunju, 2009, fejn kull Kunsill gie mitlub li jtella' attivita fil-lokalita li terga' ggedded tradizzjoni ta' kull lokal partikolari. Hawnhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex fil-lokalita tal-Birgu titella' attivita tal-kurdari, fil-post propju, dak ta' fuq is-sur tal-kurdari, kif inhu maghruf illum Triq it-Torri ta' San Gwann. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Ittra minghand is-sinjura Lisa Grech, direttrici tal-kumpanija "The Definitive(ly) Good Guide Co." u residenta fil-Birgu, fejn talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitella' suq tradizzjonali fiz-zona ta' Couvre Porte, fejn fost ohrajn jbieghu affarijiet ta' kwalita. Is-Sinjura talbet li din l-attivita issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku s-sur Boxall qal li fl-opinjoni tieghu din l-attivita toffri opportunita ohra ta' reklamar ghal din il-Belt Storika u ghaldaqstant issugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u joffri l-area ta' Couvre Porte sabiex titella din l-attivita. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta lil Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni minghand is-Socjeta Storkia u Kulturali – Vittoriosa, dwar it-talba ta' din is-socjeta u tal-Kunsill Lokali tal-Birgu lil Kumitat ghall-Ismijiet tat-toroq sabiex jinbidel isem "Misrah ir-Rebha", liema talba ma gietx milqugha min-naha tal-kumitat. Wara diskussjoni, s-sur John Bxoall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jikteb ukoll ittra lil Dr. Chris Said, fejn tintalab ukoll l-ghajnuna tieghu dwar din il-kwistjoni u issahhah ukoll it-talba tas-socjeta Storika Kulturali – Vittoriosa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-sur John Boxall, Sindku pprezenta Memo 38/2008 mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar progetti Energy Saving. Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera li daqs sena ilu il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien talab permess lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Dr. Natalino Attard, sabiex il-Kunsill jiehu loan mil-bank, sabiex jixtri sistema solari ta' energy saving. Is-Sindku spjega li din l-iskema toffri opportunita lil Kunsilli li jibbenefikaw sa € 10,000 kumpens ghal progetti favor zvillup sostenibbli u li jservu ukoll

bhala ezempju tajjeb ghar-residenti kollha. F'dan ir-rigward, is-Sindku flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva kellhom laqgha mad-direttur tal-Kumpanija Solar Solutions fejn gie diskuss progett sostennibli sabiex tigi nstallata sistema ta' energija solari fuq l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill, liema sistema tkun ukoll mqabbda mal-website tal-Kunsill, fejn bl-ghajnuna tal-website tinghata informazzjoni dwar is-sistema solari u l-iskop u l-benefficji mehuda min dan il-progett. Is-Sindku zied jghid li l-kumplament ta' l-ispiza ghal dan l-apparat, il-kumpanija Solar Solutions offriet li l-Kunsill ihallas *by installments*. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika ghal dan il-progett u jistenna ghal aktar informazzjoni u kwotazzjonijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Ittra minghand is-sur Erskine Vella, Fgura Branch Manager tal-Kumpanija Dhalia Real Estate Services, fejn ghan-nom tal-kumpanija talab sabiex il-Kunsill jaghti permess biex :

- Fil-bidu ta' triq San Lawrenz
- Fuq il-bankina biswiet il-Monument tal-Helsien
- U possibilment Fil- Pjazza tal-Birgu

l-imsemmija kumpanija twahhal barrier bhal dawk ezatt li l-Kunsill diga ta' permess lil Kumpaniji ohra biex jitwahhlu. Barra min hekk, is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija talbet ukoll sabiex ikollha link diretta fuq il-website tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Ittra minghand il-Care Malta Group fejn stiednu lil Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina persuna jew persuni ghal premju Nazzareno Vassallo ghal inivjattivi taghhom favur il-kura ta' l-anzjani. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina lis-sur Lino Bugeja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Is-Sur John Boxall, Sindku , pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsill hames applikazzjonijijet li l-Kunsill issottometta that l-iskema mahruga mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali, dwar inizjattivi ghal attivitajiet kulturali mtella' mil-Kunsilli Lokali. Is-Sindku zied jghid li l-applikazzjonijiet kienu ghal attivitajiet:

- Birgu By Christmas Lights 2008
- Festival ta' loghob tradizzjonali Malti fil-Birgu
- Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha, 2009
- BirguFest 2009
- Birgu By Christmas Lights 2009.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-akbar ammont li Kunsill jista' jiehu taht din l-iskema ghal kull attivita kien ta' € 7000. Il-Kunsilliera prezenti approva dawn it-talbiet.

2.12 Email minghand is-sur Kevin Sivyer, direttur tal-grupp muzikali "Opera Comique", fejn nforma lil Kunsill li l-grupp msemmi huwa lest li jippartecipa fl-attivitajiet mtella' mil-Kunsill Lokali tal-Birgu minghajr flus izda min-naha tal-Kunsill tithallas l-akkomodazzjoni tal-grupp, li ma jecedix l-ammont ta' 25 persuna. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li ghalkemm hija opportunita tajba minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, l-Kunsill ma jistax joffri li jhallas l-akkomodazzjoni ta' 25 persuna u ghandha tinkiteb ittra lis-sur Sivjer fejn tigi spjegata is-sitwazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Email minghand is-sur Emanuel Magrin, fejn nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-Fondazzjoni San Frangisk ghall-Annimali, li huwa direttur taghha, giet mdahhla fil-lista skond skeda numru 8 tal-ligi tal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-kunsill jibghat donazzjoni ta' € 50 lil din il-Fondazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mil-*lead partners* tal-progett "MedCoast.net" sabiex jissottometu proposta ghal progett gdid fi hdan l-Unjoni Ewropea that is-sejha Interreg IVC, il-progett bit-titlu "Sustainable Management of Urban Coastal Areas – SMUCA". Is-Sindku s-sur John Boxall zied jghiid li l-budget allokat ghal dan il-progett ser jkun ta' € 250, 000, bil-finanzjament min-naha tal-Kunsill jkun ta' € 37, 500. Il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jissieheb fil-proposta ta' dan il-progett.

Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa li jekk dan il-progett jintrebah il-Kunsill ghandu johrog applikazzjoni ghal impjieg/a part-time ghal persuna responsabli ta' dan il-progett ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Is-sur John Boxall ipprezenta draft ghal amenda ta' l-Urban Improvement Fund fi hdan l-MEPA.

2.16 Ittra minghand is-sur Renald Cassar fejn talab permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fi 26 ta' Settembru, jtella' kuncert mil-grupp Tribali fi Gnien il-Kunsill, il-post maghruf ahjar bhala l-Foss. Fl-ittra tieghu s-sur Cassar, fost affarijiet ohra, offra li jaghti donazzjoni ta' € 1000 lil Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**3. <u>Rendikont ta' l-inawgurazzjoni tal-bust f'gieh Nestu Laiviera.</u>**

Is- Sindku, s-sur John Boxall talab sabiex dan l-item jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmis peress li kien ghad fadal xi *invoices* x'jintbaghtu lil Kunsilll. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**4. <u>L-attivita "Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha".</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bhalissa diga qed jsiru diversi preparamenti ghal din l-attivita li ser titella' fid-9 ta' April, 2009. Huwa diga ntaqa' ma' l-esebitturi kollha li f'dak il-perjodu ser itellghu esebizzjoni relatata mal-Gimgha Mqaddsa, li b'kollox ser jammontaw ghal 14-il wirja. Barra min hekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera li fl-area ta' Couvre Porte, il-grupp Square Wheel Entertainment ser itella' parti mil-Jesus Christ Superstar filwaqt li fl-area tal-Collachio ser jitella' paegant fuq il-passjoni ta' Sidna Gesu Kristu. Is-Sindku talab ghal aktar ghajnuna min-naha tal-Kunsilliera fil-preparament ta' din l-attivita, li min-naha ta' l-istaff gie fdat f'idejn is-Sinjorina Fiorella Scicluna.

**5. L-attivita "Festival ta' loghob tradizzjonali Malti"**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Heritage Malta bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ser itella' fesitval ta' loghob tradizzjonali Malti fil-Birgu nhar il-hadd 29 ta' Marzu, 2009. Min-naha tal-Kunsil, il-kuratur tal- Palazz ta' l-Inkwizitur talab sabiex il-Kunsill jarma l-bandalori tal-pjazza kif ukoll fi Triq il-Mina l-Kbira u fi Triq it-Torri ta' San Gwann. Irridu wkoll joffri nies volontarji sabiex jkunu gwidi mal-loghob li ser jkunu qeghdin jintlaghbu fit-toroq tal-Birgu

**6. Il-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli**

Is-Sindku talab sabiex dan jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jkunu prezenti l-Kunsilliera kollha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7. Jum il-Birgu, 2009**

Is-Sindku talab sabiex dan jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jkunu prezenti l-Kunsilliera kollha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**8. Presentazzjoni tal-Budget 2008/2009**

Is-Sindku talab sabiex dan jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jkunu prezenti l-Kunsilliera kollha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**9. Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' accountant.**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghal din it-tender intefghu tlett applikazzjonijiet li kienu, dik tas-Sur Joseph Bezzina ghal-prezz ta' € 16 is-siegha, dik tas-Sur Sandro Grech ghan-nom tal-

Kumpanija SG Malta Ltd ghal prezz ta' € 13.99 u dik tas-Sur Michael Debono ghan-nom tal-Kumpanija D-Consulta Ltd. Ghal prezz ta' € 12. Wara diskussjoni is-Sur John Boxall, Sindku, ippropona li tintghazel l-offerta tas-Sur Joe Bezzina ghalkemm li din ma kinitx l-irhas offerta imma peress li is-sur Bezzina ilu zmien twil l-accountant tal-Kunsill u dejjem offra servizz tajjeb u mill-ahjar u fl-opinjoni tieghu ma kienx mument li jinbidel. Barra min hekk is-Sindku qal li id-differenza kkwotata mhux xi wahda kbira. Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10. <u>Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' perit.</u>**

Is-Sindku informa lil Kunsill li ghal dan it-tender intefghet applikazzjoni wahda. Din kienet l-applikazzjoni tal-Perit Mark John Scicluna. Is-Sindku nforma li l-prezzijiet ikkwotati mil-Perit Scicluna, kienu, bhala *Management Fee* ikwota 4.3%, bhala *Technical Consaltency Services*, il-Perit Scicluna ikwota €25 is-siegha. Filwaqt li bhala *Preperation of Bills of Quantities*, il-Perit Mark John Scicluna ikkwota 1.5% mill-estimi u ghas-sottomissjonijiet ta' applikazzjonijiet tal-MEPA, il-Perit Scicluna kkwota €236. Wara diskussjoni, is-Sindku staqsa lis-Segretarja Ezekuttiva jekk din il-kwotazzjoni kienetx bl-istess prezzijiet li kienu kkwotati fl-ahhar tender li kienet inghatat lil Perit Duncan Mifsud. Din irrispondiet li l-prezzijiet kienu l-istess. Hawnhekk, is-Sindku, s-sur John Boxall ppropona sabiex tintaghzel din l-offerta peress li kienet l-unika offerta mitfugha. Il-Kunsilliera Miriam Grech ssekondat u dwar dan kien hemm qbil.

**11. <u>Decizjoni dwar it-tender ta' gbir ta' skart goff.</u>**

Is-Sindku qal li ghal dan it-tender intefghet applikazzjoni wahda. Din kienet, minghand is-sur Alex Fenech ghan-nom tal-kumpanija Euro Clean Waste Services. Is-Sindku qal li l-prezz ghas-servizz offrut huwa kien ta' € 34 kuljum. Wara diskussjoni, is-sur Boxall issugerixxa sabiex il-Kunsill jaccetta din l-offerta u zied jghid l s-servizz tas-sur Fenech kien mill-ahjar u dan jixhduh ir-residenti li dejjem fahru dan is-servizz. Il-Kunsilliera Miriam Grech ssekondat dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**12. Decizjoni dwar it-tender ghat-tindif u manutenzjoni ta' gonna pubblici fil-Birgu.**

Is-Sindku talab sabiex dan jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jkunu prezenti l-Kunsilliera kollha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**13. Il-progett Signs in the City**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li kif gie deciz fil-laqgha precedenti l-Kunsilliera Miriam Grech assistita mil-iskrivana Fiorella Scicluna ser jirraprezentaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu fil-kick off meeting ta' dan il-progett li er issir bejn is-27 u t-30 ta' Jannar, 2009, gewwa Sofia fil-Bulgaria. Is-Sindku pprezenta lil Kunsill l-budget ghal dan il-progett li ser jkun ta' € 9209 ghal tlett snin b'ko-finanzjament min-naha tal-Kunsill ta' € 2763. Is-Sindku zied jghid li dan il-progett ser ikopri biss l-attendenza tal-Kunsilliera Miriam grech ghal din il-laqha biss u ghaldaqstant peress li din hija l-ewwel esperjenza tal-Kunsilliera Grech, is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill japprova l-partecipazzjoni ta' Fiorella Scicluna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**14. Il-Progett Ecopas**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, fakkar lil Kunsilliera prezenti dwar l-approvazzjoni ta' l-istess Kunsill ghal partecipazzjoni fil-progett fi hdan l-Unjoni Ewropea taht is-sejha Interreg IVC mmexxi mil-Belt ta' Evora, fil-Portugal. Is-Sindku pprezenta l-proposta ghal dan il-progett, fejn l-budget allokat ghal Kunsill Lokali tal-Birgu ser jkun ta' € 124, 910.56 b'ko-finanzjament min-naha tal-Kunsill ta' € 18, 736.58. Barra min hekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-lead partners ta' dan il-progett talbu sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza wahda mil-laqghat ghal dan il-progett gewwa l-Birgu, fejn fil-budget allokat ghal Kunsill tal-Birgu ser jkun hemm € 7300 allokat apposta sabiex titella din il-laqgha. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jissieheb fil-proposta ta' dan il-progett.

**15. Il-progett tal-pjazza**

Is-Sindku talab sabiex dan jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jkunu prezenti l-Kunsilliera kollha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**16. Il-Progett Oralites**

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-lead partners tal-progett Oralites, il-Kunsill ta' Evora fil-Portugal diga bghat is-somma ta' € 35,619.44 bhala parti mil-finanzjament ta' dan il-progett. Is-Sindku zied jghid li fuq decizjoni ta' l-istess Kunsill infetah kont bankarju mal-Banif Bank liema kont, minnhu ser jithallsu biss l-pagamenti relatati ma' dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar zied jghid li bhalissa qed jsiru diversi laqghat ma' muzicisti u atturi li ser jirraprezentaw lil Kunsill u l-lokalita tal-Birgu f'dan il-progett.

**17. Stand Alone ATM fil-Birgu**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Bank Of Valletta jinstallajaghmel *stand alone ATM* fil-Birgu, proponuta f'Xatt ir-Rizq ma gietx approvata mil-MEPA ghar-raguni li *stand alone ATM* ma kinitx koerrenti ma' l-ambjent ta' l-area proponuta. Wara diskussjoni, l-kunsilliera Miriam Grech ssugerit sabiex il-Kunsill jipproponi li din issir f'Misrah ir-Rebha kantuniera ma' Triq Hilda Tabone. Hawnhekk is-Sindku stqar li l-Kunsill ser jitlob l-opinjoni ta' l-ufficjali tal-BOV u l-opinjoni tal-Perit dwar dan is-sit propost. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**18. Affarijiet Ohra.**

18.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku, ppropona li din il-lista tigi approvata. Is-Sur

Christopher Cassar, Vici Sindku, issekonda dan il-proponiment u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

18.2 Is-Sindku ssugerixxa sabiex ma jkunx hemm dewmien fil-preparament tal-Minuti tal-laqgha tal-Kunsill, l-ghada tal-laqgha tal-Kunsill, is-Segretarja Ezekuttiva, tahdem mid-dar fuq il-minuti ta' l-istess laqha bil-premura li l-ghada jkunu lesti biex jigu mqassma lil Kunsilliera. Dwar dan kien hemm qbil unanimu, mil-kunsilliera prezenti u accetata min-naha tas-Segretarja Ezekuttiva is-Sinjorina Christine Bonello

Il-laqgħa ntemmet fi 9:30 ta' filgħaxija u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar, 2009, fi 6 ta' filghaxija

Christine Bonello — ikkonfermati — John Boxall

Segretarja Ezekuttiva — Sindku